**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta ta' l-Erbgha 4 ta' Frar, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Samir Almeri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis; Omissis u l-imputat Samir Almeri, 31 sena,bin Nuri u Salma Azintani, imwieled Tripoli, nhar is-07 ta' Ottubru, 1982, residenti fil-fond numru Tent Centre Hal-Far, detentur tar-Refugee Index Number 14829/13 talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru, 2013, gewwa Triq San Gorg, San Giljan ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' filghodu (0445hrs):

a) serqu telefonu cellulari tad-ditta Samsung ghamla S3, telefonu cellulari tad-ditta Nokia ghamla mhux maghruf, €80.20 fi flus, basket (handbag) u cwievet ta' karozza, ghad-detriment ta' Susanne Dimech Conti liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bil-vjolenza;

b) ukoll talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

c) serqu telefonu cellulari tad-ditta Samsung ghamla S Mini, ghad-detriment ta' Adam Christopher Gaskin liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bi vjolenza;

d) ukoll talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

U lil Omissis wahdu:

e) talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula
f) u aktar talli l-istess imputat kiser il-provedimenti tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lit-tlett imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) Fl-artikoli 261(c), 261(f), 267, 270; 279(a); 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikolu 23, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Omissis:

(d) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(e) Fl-artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq u ricettazzjoni.

Mill-artikoli ndikati jirrizulta li l-imputat ma baqax aktar akkuzat li s-serq kommess kien aggravat ukoll bi vjolenza.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu gew misruqa diversi oggetti u flus kontanti li kienu f'hanbag appartenenti lil Susanne Dimech Conti waqt li hija kienet qeghda tiekol pizza f'Paceville mal-*boyfriend* taghha. Il-handbag kien bejniethom u f'daqqa wahda sabet li l-handbag kien nieqes u ghaldaqstant sar rapport fl-Ghassa ta' San Giljan. L-istess parte leza xehdet dwar l-oggetti ezebiti u kkonfermat li kienu taghha.

Illi PS 240 Brian Camilleri[1] xehed li fl-14 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart kien hdejn vann vicin Burger King mar persuna fquhom u qalilhom li ra tlett persuni ghaddejjin b'hanbad u kif kellmuhom telqu jigru. Ix-xhud stqasih fejn kienu marru u qallu fejn. Huwa ha tnejn min-nies mieghu PC 980 u PC 1516 u bdew miexjin fit-triq fejn gie indikat lilu u x'hin waslu hdejn il-bus terminus raw tlett min-nies fosthom l-imputat li kienu wara vann abjad. Huma setghu jarawhom. X'hin bdew mexjin lejhom indunaw li waddbu oggett wara recint li kien handbag. Hu ta struzzjonijiet lin-nies tieghu biex jarrestaw lill-persuni li kienu l-imputat u z-zewg persuni l-ohra u fil-fatt hekk ghamlu. Firduhom it-tlieta minn xulxin u wiehed minnhom ipprova jahrab imma inzamm minn Pulizija u ghamlulhom search individwali. Qabel ma bdew it-tfittxija indunaw li kien hemm mowbajl abjad fuq ic-cint wara l-persuna ta' l-imputat wara Samir Almeri li kien dokument JM12 appartenenti lil Susanne Dimech Conti. L-oggetti l-ohra instabu fuq il-persuni l-ohra..

[1] Seduta tad-19 ta' Dicembru 2013

PS 1516 Vince Cutajar[2] ikkonferma dak li qal PS 240 u xehed li l-imputat kellu fuqu mobile u charger pero' m'gharaf xejn mill-oggetti ezebiti. Huwa kkonferma li l-imputat kien flimkien maz-zewg persuni l-ohra u kien evidenti li kienu bhala grupp u hekk kif l-imputat induna li l-pulizija qabdu lit-tnejn l-ohra huwa pprova jahrab.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri u huwa jichad kull involviment tieghu mas-serqiet li bihom jinsab akkuzat. Huwa xehed li fuqu ma sabulu xejn u li huwa m'ghandux x'jaqsam xejn ma cittadini Somali.

Illi din il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jixhed li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mas-serq. Infatti rrizulta li huwa kien flimkien maz-zewg persuni l-ohra, li gew arrestati u mressqa wkoll, u li huma kienu mexjin bhala grupp. Infatti l-pulizija li arrestawhom osservaw x'kienu qeghdin jaghmlu u kien ovvju li l-imputat kien maghhom. Ghalkemm ma nstab xejn fuqu l-mowbajl tal-parte leza Dimech Conti kien warajh fuq cint u l-istess imputat ipprova jahrab minn fuq il-post hekk kif induna li kien se jigi arrestat.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li nsteraq handbag li kien jikkontjeni zewg mowbajls wiehed tad-ditta Samsung S3 u l-iehor tad-ditta Nokia, flus kontanti fl-ammont ta' €50 u xi affarijiet ohra ta' make-up li ma gewx kwantifikati. Ma rrizultax lanqas il-valur tal-handbag biss pero' l-parte leza xehdet li ma kienx ta' xi ditta partikolari. Ghar-rigward tal-mowbajls ma gewx ezebiti ricevuti. Il-parte leza xehdet li l-mowbajl tad-ditta Samsung kienet xtratu madwar seba' mitt euro u l-iehor jiswa' madwar erbghin euro.

Referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Gafa'** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 2014 fejn gie ritenut:

*"11. Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi huwa ghandu jigi lliberat mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-"valur". L-ewwelnett issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Zahra, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. Dan jista' jitqies li*

[2] Seduta tad-19 ta' Dicembru 2013

*japplika mutatis mutandis fejn si tratta ta' valur ta' oggetti misruqa. F'dik is-sentenza ntqal hekk:*

*"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

*12. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet dwar il-valur: "Certament nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` zgur li l-oggetti misruqa minn kull imputat jeccedu l-mitt lira Maltin bil-valuta ta' zmien ir-reat – ghal dan il-Qorti m'ghandha bzonn ebda espert. Pero` l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta' l-oggetti misruqa mill-basement jeccedu l-elf lira Maltin."*

*13. Din il-Qorti ezaminat il-provi. L-oggetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li gew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tieghu l-appellant jghid li kien seraq numru akbar ta' batteriji li bighhom ghal "xi Lm250" (a fol. 19). Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tieħu l-valur wholesale ta' l-oggetti kollha in kwistjoni, dan se jaqbez il-Lm100. Ghalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodici Kriminali. Irid jigi carat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oggett misruq imbaghad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tigi lliberata izda li tiehu lanqas valur, b'hekk li persuna akkuzata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab hatja ta' serq semplici."*

Illi minn dak li rrizulta mill-atti din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-valur gie ippruvat billi apparti x-xhieda moghtija mill-parte leza li nsterqulha flus kontanti fl-ammont ta' €50 u li l-mowbajl tad-ditta Samsung S3 kienet xtratu sena qabel fl-ammont ta' €700 u l-iehor kien jiswa xi €40, fil-fehma ta' din il-Qorti il-valur taz-zewg mowbajls globalment jaqbez bil-bosta l-ammont rimanenti li jwassal ghal € 232.94. Ghalhekk l-aggravju tal-valur huwa ippruvat.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni din ma tistax tirrizulta fil-konfront ta' l-imputat u dan billi mill-atti ma jirrizulta xejn dwar l-istess imputazzjoni.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali netta ta' l-istess imputat.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm involuti xi hlas ta' esperti.

Inoltre' huwa evidenti wkoll li l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghar-reat ta' serq.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravju tal-vjolenza fl-ewwel imputazjoni kif ukoll tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, u filwaqt li ma ssibx lill-imputati hati tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(c), 261(f), 267, 270; 279(a); 280(1) u 281(a), 20 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tlettax-il xahar (13) prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li huwa kien taht arrest preventiv in konnessjoni mal-proceduri odjerni.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma rrizultax li f'dan il-kaz kien hemm involuti hlas ta' esperti.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat